Ms.Rebecca Falzon

# Stejjer:
# Xi jfisser li nkunu ferħanin?

Ms.Rebecca Falzon

# Storja A

Jake huwa tifel ta' seba' snin. Hu jgħix ġo dar sabiħa flimkien ma' ommu u missieru. Il-ġenituri tiegħu t-tnejn jaħdmu u kemm-il darba jkollhom jħallu lil Jake man-nanniet sakemm l-mamà tasal mix-xogħol. Hemmhekk huwa jilħaq jillesti l-ħowmwerk. Filgħaxija waqt li l-mamà u l-papà jkun qed inaddfu u jippreparaw l-ikel, Jake joqgħod fil-kamra waħdu jilgħab, fuq il-kompjuter jew fuq il-plejstejxin. →

Ms.Rebecca Falzon

# Storja A ...

Il-ġenituri kemm –il darba jistaqsuh biex jgħinhom iżda hu ma jkunx irid, sakemm ma jofrulux li jixtrulu xi logħba ġdida. Lil Jake dejjem jixtrulu li jixtieq u mil-logħob m'huwiex nieqes. Infatti ta' spiss tarah jilgħab b'xi logħba ġdida. Ġieli tant kemm jieħu gost jilgħab illi jieħu l-platt tal-ikel f'kamartu u joqgħod jiekol hemm sakemm jaqbdu n-nas u wara jidħol jorqod.

fppt.com

Ms.Rebecca Falzon

# Niddiskutu

bleTeacher.com
PowerPointArt.com

Ms.Rebecca Falzon

# Storja B

Mike huwa tifel ta' seba' snin ukoll. Hu jgħix ġo dar żgħira. Ommu u missieru wkoll jaħdmu t-tnejn, għalkemm mhux dejjem faċli għalihom biex jixtrulu dak li jkun jixtieq. Filgħaxija waqt li l-mamà u l-papà jkun qed jippreparaw l-ikel jew jagħmlu xi xogħol ta' tindif fid-dar, Mike fil-pront tarah imur jiġri biex jgħinhom. Daqqa jnewlilhom xi affarijiet li jkollhom bżonn, drabi oħra jpoġġi ħwejġu f'posthom, jillesti l-affarijiet għal fuq il-mejda tal-ikel jew ipoġġi l-ġugarelli li għandu f'posthom. →

Ms.Rebecca Falzon

# Storja B...

Meta l-ikel ikun lest huma jgħidu t-talba ta' ringrazzjament tal-ikel u wara jieklu flimkien.Waqt il-ħin tal-ikel huma jkollhom iċ-ċans jirrakkuntaw xi ġralhom matul il-ġurnata u jisimgħu lil xulxin. Mike m'għandux plejstejxin u anqas jkollu ħafna logħob ġodda, u minflok joqgħod jilgħab b'ġugarelli oħra li għandu jew inkella jilgħab Noli fid-dar mal-mamà u mal-papà.

fppt.com

Ms.Rebecca Falzon

# Niddiskutu

ibleTeacher.com
PowerPointArt.com

Ms.Rebecca Falzon

Mariża u Sara kienu ilhom ħbieb għal ħafna żmien. Darba fost l-oħrajn Sara u Mariża kellhom argument. Bir-rabja Mariża għajret lil Sara. Mariża iddispjaċiha ħafna u dakinhar ma tkellmux.

- X'taħsbu li għamlet Marta? U Sara?

Taqblu li TAĦFER hija xi ħaġa sabiħa? Għaliex?

fppt.com

Ms.Rebecca Falzon

2) Il-mamà ma tantx kienet tiflaħ iżda xorta kellha ssajjar għaliha u għal Mark. Mark lestieh kollu l-ħowmwerk u kellu ħafna ħin liberu. X'jistà jagħmel Mark biex iferraħ lill-mamà u hi tkun tista' tistrieħ?

JGĦIN

Minkejja li ma tiflaħx il-mamà xorta ppreparat ikel tajjeb għal Mark. X'nitgħallmu mill-mamà?

Kemm hu sabiħ li <u>TĦOBB</u>.

fppt.com

Ms.Rebecca Falzon

3) Thomas jaf ipinġi ħafna u t-tfal l-oħra tgħidx kemm jieħdu gost jaraw t-tpinġijiet tiegħu. Il-ħabib tiegħu Paul ma tantx jaf ipinġi, iżda tgħidx kemm jaf jikteb stejjer sbieħ, mentri Rina taf tkanta ħafna. Dawn il-kapaċitajiet x'insejħulhom? U min tahomna?

TALENTI

ĠESÙ

fppt.com

- Ġesù jridna nużaw it-talenti tagħna b'mod tajjeb. Tistgħu ssemmu xi eżempju ta' kif Thomas jista' jużа' t-talent tiegħu biex iferraħ lill-ħaddieħor?

- Meta jagħmel hekk, ħaddieħor biss ikun ferħan jew anki hu?

fppt.com